VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,719, 31 ta' Jannar, 2017
Taqsima B

A.L. 38 tal-2017

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-*Petroleum* għas-Suq tal-Karburanti bl-Imnut fuq l-Art

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37(1) tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-*Petroleum* għas-Suq tal-Karburanti bl-Imnut, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-*Petroleum* għas-Suq tal-Karburanti bl-Imnut fuq l-Art, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 545.22

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu l-Artikolu 7(7) tad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Sit ġeografiku tal-punti ta' riforniment.

30A. Ir-Regolatur għandu jiżgura li meta tkun disponibbli, id-*data* li tindika s-sit ġeografiku tal-punti ta' riforniment aċċessibbli għall-pubbliku ta' karburanti alternattivi koperti bid-Direttiva 2014/94/UE tkun aċċessibbli fuq bażi miftuħa u mhux diskriminatorja lill-utenti kollha.".